MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 5

16 ta' Ġunju 2008

Minuti tas-Seduta Nru. 5 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 16 ta' Ġunju 2008.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha, minbarra l-Kunsillier J. Buttigieg li talab jiġi skużat.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier C. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 2.3.6. **(Ref: T/4/10)(T/3/3/Vol III)** tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif ġej:

*"2.3.6. Wara aktar diskussjoni l-Kunsill qabel li l-perit inkarigat minn din it-talba għandu jissottometti pjanta li turi l-imwejjed fuq in-naħa ta' barra tal-bankina b'passaġġ pedonali biswit il-ħajt tar-ristorant."*

1.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 16.2. **(Ref: C/4/Vol III)** u ppropona li din tinqara hekk:

"16.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm *caravans* li jokkupaw toroq pubbliċi u parkeġġi viċin il-kosta, li uħud minnhom tħallew hemm b'mod permenenti. Aċċenna wkoll għall-fatt illi l-ikkampjar fl-Imġiebaħ qed jirriżulta fir-rimi ta' skart, kif ukoll f'serq mill-għellieqi.".

1.3. Il-Minuti tas-seduta preċedenti ġew approvati u ffirmati bl-emendi mressqa.

## 2.0. Korrispondenza

### 2.1.1. Talbiet mill-Għaqda Sidien *Boathouses* ta' Ramlet il-Qortin (B/4/Vol II)

2.1.2. Saret referenza għal ittra datata 4 ta' Ġunju 2008, mibgħuta mill-għaqda msemmija, wara laqgħa li kellhom mas-Sindku, fejn intqal li ma jafux li twaħħlu lampi ġodda għajr dawk li saru mill-Kunsill. Ġibdu l-attenzjoni li hemm lampa fi Pjazza Fkieren li baqgħet ma xegħlitx, filwaqt li l-moll li hemm fir-Ramla ta' Kejli jeħtieġ li jissewwa wara l-ħsara li saritlu bil-maltemp. Talbu wkoll li jingħataw l-*open skips* sabiex jintrema l-iskart goff kif sar fl-aħħar sentejn. Intalbet ukoll għajnuna finanzjarja sabiex jitwaħħlu *cameras* tas-sigurta` sabiex jitrażżan ir-rimi ta' l-iskart.

2.1.3. Is-Segretarju għarraf li fiż-żona ta' Ramlet il-Qortin twaħħlu biss żewġ lampi mill-Kunsill illi kienu ġew approvati mill-Korporazzjoni Enemalta. Fiż-żewġ każi t-talbiet saru minn persuni li huma reġistrati bħala residenti f'Ramlet il-Qortin.

2.1.4. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li huwa rnexxielu jindika fuq pjanta total ta' seba' minn dawn il-lampi li twaħħlu abbużivament wara li qabbilhom ma' l-inventarju ta' l-Enemalta. Huwa għadda kopja tal-pjanta sabiex tinżamm mar-*records* tal-Kunsill.

2.1.5. Il-Kunsill ma' sabx oġġezzjoni li jingħataw sa massimu ta' għaxar *skips* imqassma fuq iż-żoni kollha tal-*boathouses* ġewwa l-Aħrax. Kien hemm qbil ukoll li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mat-Taqsima għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd dwar it-tiswija tal-moll fir-Ramla ta' Kejli. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jikkontribwixxu għall-installazzjoni ta' *cameras* tas-sigurtà għaliex dan imur lill'hinn mill-obbligi tiegħu.

### 2.2.1. Sewqan perikoluż fi Triq l-Alwetta (T/3/2/Vol VIII)

2.2.2. Saret referenza għal ittra datata 14 ta' Mejju 2008, mibgħuta mis-Sur Enzo Borg Grech, fejn talab sabiex li jsiru *speed humps* fi Triq l-Alwetta.

2.2.3. Il-Kunsill ma qabilx li għandhom jsiru *speed humps*. Minflok ġie deċiż li għandhom jsiru tabelli u sinjali *Stop* fi Triq l-Alwetta, kantuniera ma' Triq Ta' Taħt l-Irdum ma' Triq Għajn Żejtuna.

### 2.3.1. *Pedestrian Crossing* fi Triq iċ-Ċirkewwa (T/4/4/Vol II)

2.3.2. Saret referenza għal talba datata 6 ta' Ġunju 2008 li mressqa mis-Soċjeta` tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM) sabiex issir *pedestrian crossing* quddiem "Dar Betsajda" fi Triq iċ-Ċirkewwa.

2.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li *pedestrian crossing* f'dan il-post tkun perikoluża. Kien hemm qbil li din il-proposta kienet tkun aċċettabbli li kieku fil-post hemm *speed camera*.

## 3.0. Tqegħid ta` Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 21/05/08 – 12/06/08
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 20/05/08 – 09/06/08
- *Purchase Request Form* – 12/06/08
- Skeda ta` ilmenti - 0278/08 – 0337/08
- Skeda ta` korrispondenza li waslet
- Skeda ta` korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku – 08/05/08
- Minuti – Laqgħa ta' konsultazzjoni dwar il-Pjan Lokali għat-Turiżmu – 29/05/08
- Rapport Finanzjarju – Jannar / Marzu 2008

## 4.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 4.1.1. *Parking* fi Triq Snajjin (T/3/2/Vol VIII)

4.1.2. Saret referenza għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċdenti dwar talba mis-Sur Twanny Galea sabiex tinżebagħ linja safra faċċata ta' Triq il-Kannestru, billi qed ikun diffiċli li vetturi jduru għal Triq Snajjin, mingħajr ma jitilgħu l-bankina, kull meta jkun hemm xi vettura pparkjata.

4.1.3. Is-Segretarju għarraf li minn żjara fuq il-post irriżulta li tista' ssir linja safra fi Triq Snajjin li testendi mid-*Disabled Reserved Bay* li tkopri wkoll id-dħul għall-Isqaq Nru. 1, fi Triq Snajjin.

4.1.4. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku E. Bartolo, il-Kunsill iddeċieda li l-linja tiġi estiża għal żewġ metri lill'hin mill-kantuniera ta' l-isqaq.

**4.2.1. Dehra ġdida għas-sit eletroniku tal-Kunsill (I/1/3/Vol IV)**

4.2.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u spjega li Abakus Solutions bidlu l-istima oriġinali tagħhom minn €1,156.40 għal €1,564.40 sabiex isir it-titjib meħtieġ fis-sit eletroniku. Huwa qal li talabhom ukoll jgħidu kemm hi r-rata annwali sabiex isir il-*hosting* tas-sit, liema servizz ġie kkwotat €240. Is-Sur Debono spjega li stimi ta' dawn l-ammont jitolbu tliet stimi.

4.2.3. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li t-tieni stima hija żbaljata għaliex m'hijiex skond dak li huwa ddiskuta ma' Abakus Solutions.

4.2.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li Liquid Studios qed jirrifjutaw li jgħaddu d-*database* marbuta mal-*website* attwali u għalhekk il-bini tas-sit il-ġdid ser jirrikjedi ammont konsiderevoli ta' xogħol u b'hekk ser ikompli jżid il-pressjoni fuq is-Segretarjat.

4.2.5. Wara aktar diskussjoni l-Kunsill iddeċieda li jkompli miexi bl-offerta ta' Abakus Solutions, sakemm l-istima oriġinali tiġi onorata.

**4.3.1. Qlib ta' l-ilma tax-xita fi Triq Toni Pace (T/4/13/Vol VIII)**

4.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.9.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għal ittra datata 11 ta' Ġunju 2008, mibgħuta mill-Avukat Joanne Vella Cuschieri, f'isem il-konjuġi James u Marlene Gouder, li lmentaw illi ser iddum ma tittieħed deċiżjoni fir-rigward tal-livell tat-Triq Toni Pace. Intqal ukoll li kemm-il darba l-kwistjoni titwal huma ma jkollomx triq oħra ħlief li jmorru l-Qorti.

4.3.3. Is-Sur R. Cutajar qal li r-rapport mill-*Contracts Manager* tlesta, iżda fadallu jehmeż miegħu dokumenti miġbura mill-MEPA.

**4.4.1. Tlielaq tal-karozzi fil-Manikata (A/6/3/2/Vol III)**

4.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti dwar ittra li ntbagħtet lir-residenti tal-Manikata fuq is-suġġett t'hawn fuq. Is-Sur R. Cutajar għarraf li sad-data tas-seduta kien hemm disa' persuni jew għaqdiet li espremew l-opinjoni tagħhom. Ilkoll kienu kontra li jiġu organizzati dawn it-tip ta' attivitajiet sportivi fiż-żona urbana tal-Manikata.

4.4.3. Il-Viċi-Sindku E. Bartolo kkummenta li l-Mellieħa tikkontribwixxi biżżejjed għal dan it-tip ta' sports, billi jittellgħu attivitajiet simili fit-triq tal-Bajja tal-Mistra, fit-triq tal-Miżieb u fi Triq Lewis Wettinger.

4.4.4. Fid-dawl ta' dan ir-rispons, il-Kunsill iddeċieda li ma jinħarġux permessi fil-Manikata għal tlielaq tal-karozzi, minħabba l-inkonvenjent li joħolqu għar-residenti, kif ukoll għar-raġuni li Triq il-Mellieħa saret tieħu ħafna traffiku minn kemm ilha li ngħatat it-tarmak.

**4.5.1. Tkomplija tat-Tieni Fażi tal-Proġett f'Ta' l-Ibraġ (P/4/6/Vol III)**

4.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf ukoll li wara li seħħet laqgħa ma' uffiċjali tal-MEPA ngħata parir li l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata b'mod favorevoli, kemm-il darba jsir multi-*purpose court* u faċilitajiet għal *skate boarding* li jissupplimentaw il-faċilitajiet li diġa jeżistu fi Ġnien Dun Anton Debono fuq in-naħa oħra ta' Triq Ġużè Flores. Is-Sur R. Cutajar qal li dan it-tibdil m'għandux jaffettwa l-pjanijiet oriġinali dwar ir-rikostruzzjoni tas-sienja u l-ġiebja.

4.5.3. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi bit-tħejjija tal-pjanti sabiex jiġu sottomessi lill-MEPA.

**4.6.1. Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Artijiet (M/4/2/Vol II)**

4.6.2. Is-Sindku għarraf illi l-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi ser issir fil-25 ta' Ġunju 2008. Kompla jgħid li qed tiġi ppreparata aġenda għal din il-laqgħa, li fost suġġetti oħra ser tiġi diskussa l-possibiltà li jiġu devolut bini ta' valur storiku fil-lokalità.

4.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.7.1. AvventuraSajf 2008 (E/3/4/Vol VIII)

4.7.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna għall-minuta 17.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li ser issir laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jattendu għall-AvventuraSajf 2008. Huwa qal li din ser issir fil-Video Room ta' l-Iskola Primarja fis-7 ta' Lulju 2008 fis-6.30pm.

4.7.3. Is-Sur Fenech qal ukoll li waħda mill-ġenituri xtaqet tibgħat lil bintha għall-AvventuraSajf, iżda għandha problema peress li din teħtieġ is-servizz ta' *facilitator*. Huwa qal li stħarreġ il-possibiltà li tinstab persuna mingħajr ma jiżdiedu l-ispejjeż involuti f'dan il-proġett. Sar kuntatt ma' l-Equal Partners Foundation, li minn naħa tagħhom lesti li jipprovdu s-servizz ta' *facilitator* mingħajr ħlas.

4.7.4. Il-Kunsill ħa nota tat-tagħrif mogħti.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 12 ta' Ġunju 2008.

5.3. Is-Segretarju rrefera għall-*item* 4 fl-iskeda u fakkar fid-diskussjoni li kien aktar qabel skond il-minuta 4.2.1. aktar 'il fuq.

5.4. Il-Kunsill approva l-*items* kollha elenkati fl-iskeda. Għalhekk, is-Segretarju ntalab sabiex jibgħat il-*Purchase Orders* relattivi u jsiru l-kjarifikazzjonijiet meħtieġa rigward l-*item* 4.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta` Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-21 ta' Mejju u t-12 ta' Ġunju 2008.

6.3. Is-Sindku rrefera għall-pagament Nru. 054-05-08 mitluba minn Thirteen Distribution Ltd li kien responsabbli mit-tqassim tal-magazin "Mill-Qiegħa". Is-Sur R. Cutajar qal li huwa ġie kkuntattjat minn residenti ta' toroq Salvinu Vella, Għoljiet, Kbira u Qortin illi lmentaw li ma waslitilhomx il-ħarġa 34 tal-magazin. Huwa rrakkomanda li għandu jsir lment bil-kitba ma' l-istess kumpanija bil-għan li dan in-nuqqas ma jiġix ripetut.

6.4. Il-Viċi-Sindku ppropona li għandu jinqata' 10% mill-ammont mitlub.

6.5. Tressqu wkoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li jkopri l-perjodu bejn l-20 ta' Mejju u d-9 ta' Ġunju 2008.

6.6. Il-Kunsill ra l-kontenut taż-żewġ skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom, bl-eċċezzjoni ta' pagament 054-05-08 li għandu jsir kif rakkomandat mis-Sindku u l-Viċi-Sindku aktar 'il fuq.

## 7.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2008 (F/1/1/Vol II)

7.2. Is-Segretarju spjega li d-dħul mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma, intiż sabiex jissewew trinek li saru mill-istess korporazzjoni bejn April 2007 u Marzu 2008, huwa stmat li jlaħħaq €3,920. Sa l-aħħar tas-sena finanzjarja, il-Korporazzjoni kienet għadha ma għaddietx dawn il-flus.

7.3. Ġie spjegat li t-total ta' dħul minn Servizzi Komunitarji kien ilaħħaq €3,751. Dawn jikkonsistu fil-ħlas ta' permessi għall-i*skips* (€651), bejgħ ta` kotba (€58), permessi tal-*cranes*, attivitajiet f'postijiet pubbliċi (€3,388) u permessi għal xogħlijiet fit-toroq (€244). Ġie spejegat li dawn naqsu b'mod sostanzjali fuq it-tliet xhur preċedenti, peress li l-ammont ta' permessi li jinħarġu fix-xhur tax-xitwa jkun anqas, b'mod partikulari f'dak li jirrigwarda attivitajiet f'postijiet pubbliċi. Id-Dħul Ġenerali kien ġej mill-ħlas li għamlet il-MEPA ta' €13,554 mill-Fond għat-Titjib Urban, illi ffinanzjat il-parti l-kbira minn nefqa li saret fuq il-ħames fażi tal-proġett dwar il-lampi tat-toroq fiż-żona Ta' Masrija. Kien hemm ukoll is-somma ta' €46,587 bħala għotja marbuta ma' Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata, liema għotja mistenni li tiġi mgħoddija fl-ewwel kwart tas-sena finanzarja 2008/09.

7.4. Fuq perjodu ta` tnax-il xhur, l-infieq fuq il-pagi kien inqas mill-estimi, minħabba li ma kien hemm xejn ħlas ta' sahra.

7.5. In-nefqa fuq toroq u bankini kienet qabżet l-estimi b'iktar minn €15,600. Dan kien dovut minħabba t-tiswijiet li saru fi Sqaq Ħarruba fil-Manikata u t-titjib li sar fit-taraġ ta' Triq il-Mitħna l-Qadima. Meta n-nefqa tittieħed fuq sena sħiħa din kienet inqas mill-baġit b'€26,400.

7.6. L-infieq fuq tabelli tat-traffiku qabeż l-estimi b'€1,016, filwaqt li fuq il-Marki tat-Toroq kienet sostanzjalment inqas, peress li x-xogħol fuqhom beda lejn l-aħħar tas-sena finanzjarja.

7.7. L-ispiża fuq Servizzi Kuntrattwali kienet ukoll iktar mill-estimi b'€4,348 għat-tliet xhur koperti bir-rapport, principalment minħabba li kien hemm spiża sostanzjali fuq il-manutenzjoni tal-ġonna, partikularment minħabba tiswijiet li saru fis-sistema tad-dwal fi Ġnien Dun Anton Debono f'Ta' l-Ibraġ.

7.8. F'dak li huwa Taħriġ jidher li kien hemm żbilanċ ta' €2,578 fuq medda ta' tnax-il xahar. Dan kien ġej mill-ħlasijiet li saru lin-nies involuti f'AvventuraSajf. Dawn il-flus ġew irkuprati mill-ħlas li sar mill-ġenituri tat-tfal li attendew.

7.9. Il-vot ta' l-Ospitalità u Servizzi lill-Komunità nqabeż bi €3,211, peress li kien hemm infieq mhux previst waqt it-tfassil tal-baġit 2007/08, li kien relatat mal-ġemellaġġ Mellieħa / Cavriglia. Il-Kunsill ma kellux suċċess meta applika għall-fondi mill-Unjoni Ewropea sabiex jissussidjaw l-attivitajiet li seħħew kemm fil-Mellieħa kif ukoll f'Cavriglia f'Novembru 2007 u Jannar 2008.

7.10. In-nefqa kapitali fuq Tabelli tat-Traffiku u *Railings* kienet fil-parti l-kbira fuq numru ta' puġġamani tal-ħadid li saru f'diversi postijiet inkluż dak li sar fit-taraġ it-twil ta' Triq Adenau.

7.11. L-infieq fuq lampi tat-toroq kien marbut max-xiri u nstallazzjoni ta' lampi ornamentali għat-taraġ ta' Triq il-Mitħna l-Qadima, bħala parti mix-xogħol ta' titjib li sar f'dik il-parti tat-triq.

7.12. Ix-xogħol fuq is-sistema tal-*floodlighting* fil-*Ground* Ta' Pennellu kien inbeda, iżda l-ispiża finali kienet għadha mhux magħrufa.

7.13. Fir-rigward ta' l-ispiża fuq il-proġett ta' Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata, jidher li hemm żbilanċ qawwi ta' €41,904, peress li meta ġew approvati l-Estimi għas-Finanzjarja 2007/08 kien ippjanat li l-latrina pubblika ser titħalla ġebel u saqaf, iżda wara ġie deċiż li għandha titlesta minn kollox. L-għotja ta' €46,588 imwiegħda mill-Fond għat-Titjib Urban tal-MEPA mistenni li tiġi mgħoddija lill-Kunsill fl-ewwel kwart tas-Sena Finanzjarja 2008/09.

7.14. Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju u talab lis-Segretarju jgħaddiħ lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u lill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika.

## 8.1. Tħejjijiet għall-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)

8.2. Is-Sindku għarraf li s-Soċjetà Din l-Art Ħelwa kkuntattjat lill-Kunsill peress li ser torganizza attivita` fejn it-Torri l-Aħmar fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ. Is-Sur Cutajar qal li huwa ppropona li jkun hemm attivita` waħda mqassma fuq żewġ postijiet differenti – parti f'Misraħ il-Parroċċa u parti oħra fejn it-Torri l-Aħmar. Huwa ssuggerixxa li hekk kif tintemm il-parti tal-pjazza fid-9.00pm jkun hemm trasport lejn it-Torri l-Aħmar, fejn jittellgħa *re-enactment* minn Din l-Art Ħelwa u anke hemm tinxtegħel il-ħuġġieġa tradizzjonali.

8.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li fis-17 ta' Ġunju ser issir laqgħa għall-għaqdiet li s-soltu jieħdu sehem ossija l-Għaqda Mużikali Imperial, is-Societa` Filarmonica La Vittoria, l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, Nisa Ferrieħa, iċ-Ċentru Laburista u l-Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista. Ta' l-aħħar beħsiebhom jarmaw *stand* bl-imqaret kemm fil-pjazza, kif ukoll fejn it-Torri l-Aħmar. L-Għaqda Nisa Ferrieħa ser toħloq xena ta' kċina f'dar tipika Maltija fl-imgħoddi.

8.4. Il-Kunsill innota u approva l-proposti mressqa.

## 9.1. Premju Sportiv Mellieħi tas-Sena 2008 (S/4/4)

9.2. Saret referenza għall-abbozz tal-kriterji li ser jiġu applikati fuq in-nomini li jidħlu għal dan il-premju. Is-Sindku spjega li jista' jiġi nominat atleta jew uffiċjal li jifforma parti minn tim li huwa rikonoxxut fil-Mellieħa jew jifforma parti minn tim affiljat ma' entita` nazzjonali f'isem il-lokalita`. Atleti jew uffiċjali li jipprattikaw xi dixxiplina sportiva f'tim jew fuq bażi ndividwali, jkunu eliġibbli wkoll. Dawn mhux neċessarjament ikunu residenti fil-lokalita`, iżda anke jekk ikollhom dixxendenza Melleħija. Is-Sur R. Cutajar kompla jispjega li persuni mill-Mellieħa li jippratikaw sports flimkien ma' timijiet ibbażati barra mill-Mellieħa jew anke barra minn Malta, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll.

9.3. Ġie spjegat li n-nomini jistgħu jsiru minn residenti li n-numru tal-karta ta' l-identita` tagħhom jidher fir-Reġistru Elettorali taħt il-Mellieħa, kif ukoll minn kwalunkwe għaqda rikonoxxuta fil-Mellieħa. Is-Sindku spjega li ser ikun hemm ħames premjijiet li huma kif ġej:

- L-Isportiv Mellieħi tas-Sena;
- L-Uffiċjal Mellieħi tas-Sena;
- L-Aħjar Att Sportiv (Sponsorjat mill-Aġenzija SEDQA);
- L-Atleta Promittenti tas-Sena (li jista' jissemma' għaż-żgħażugħ sportiv Mellieħi Jonathan Abela li miet ftit tas-snin ilu);
- Premju ta' Rikonoxximent għal Persuna li Ħadem b'Riżq l-Isports fil-Mellieħa. (huwa propost li dan jissemma' għall-isportiv Mellieħi Adrian Bartolo li wkoll miet ftit tas-snin ilu) .

9.4. L-aġġudikazzjoni tan-nomini ssir waqt is-serata tal-preżentazzjoni tal-premjijiet fil-5 ta' Lulju 2008, minn ġurija indipendenti, permezz ta' votazzjoni. Id-data ta' l-għeluq tan-nomini ser tkun nhar is-Sibt 21 ta' Ġunju 2008 f'nofsinhar. Dan ma japplikax għall-Premju ta' Rikonoxximent għal-Persuna li Ħadem b'Riżq l-Isports fil-Mellieħa, li jingħata fid-diskrezzjoni tal-Kunsill.

9.5. Il-Kunsillier J. Azzopardi staqsa dwar kemm żmien qabel jista' jkun ingħata l-kontribut. Staqsa wkoll dwar liema Reġistru Elettorali ser jiġi addottat biex jiġi stabbilit min jista' jissottmetti n-nomini. Is-Sindku wieġeb li kontribut irid ikun ingħata sa l-istaġun sportiv li jkun għadu kemm intemm. Ir-Registru Elettorali tal-Kunsilli Lokali jinkludi persuni barranin ġejjin minn wħud mill-pajjiżi msieħba fl-Unjoni Ewropea u għalhekk għandu jintuża bħala gwida dwar min jista' jissottometti n-nomini.

9.6. Is-Sur J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni għall-mod kif ser issir l-għażla għall-Premju ta' Rikonoxximent għall-Persuna li Ħadem b'Riżq l-Isports fil-Mellieħa. Huwa ppropona li jekk għallinqas ma jkunx hemm unanimita` fl-għażla, għandu jkun hemm żewġ terżi tal-voti tal-kunsillieri. Is-Sindku qal li l-għażla għandha tkun b'maġġoranza sempliċi minn fost il-kunsillieri preżenti. Huwa ppropona lis-Sur Alfred Bartolo bħala persuna li jistħoqqlu dan il-premju billi kien il-fundatur tal-Mellieħa Football Nursery, li fil-jiem li għaddew ta r-riżenja tiegħu minn president minħabba l-eta`.

9.7. Is-Sindku spjega li fl-ewwel sena jeħtieġ li jinxtraw għaxra trofej, li ħamsa minnhom jinżammu minn dawk li jirbħu l-premju, filwaqt li għandu jkun hemm ħames *shields*, li jinżammu għal sena mir-rebbieħa. Huwa ppropona li dawn jiġu ppreżentati mill-kunsillieri li jkun preżenti waqt is-serata.

9.8. Bħala preżentaturi tas-serata, is-Sur R. Cutajar ppropona lis-Sinjuri Louise Tedesco u Raymond Borg, filwaqt li din tkun taħt il-patroċinju ta' l-Onor. Clyde Puli – Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u l-Isports fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u l-Isports. L-Onor Carmelo Abela, x-*Shadow Minister* jiġi mistieden jattendi. Stedin għandu jinħareġ ukoll lill-għaqdiet kollha tal-Mellieħa, kif ukoll lid-Deputati Parlamenti tad-Distrett.

9.9. Is-Sindku ppropona li d-divertiment waqt is-serata għandu jiġi pprovdut minn Elizabeth Fenech, filwaqt li jkun hemm *feature* informattiv dwar l-isports fil-Mellieħa li jdum tliet minuti.

9.10. Il-Kunsill laqa` il-proposti mressqa mis-Sindku skond il-minuta 9.6, 9.7, 9.8 u 9.9, aktar 'il fuq.

**10.1. Attivitajiet għall-familja kollha fil-ġonna pubbliċi (A/5/3/Vol VIII)**

10.2. Is-Sindku ippropona li kull nhar ta' Ġimgħa, bejn is-27 ta' Ġunju u l-1 ta' Awissu 2008 jittellgħu serati ta' divertiment għall-familja fil-ġonna pubbliċi tal-lokalità, li jinkludu Ġnien il-Kenn Soċjali, Ġnien Dun Anton Debono, Ġnien l-Għoljiet, il-Belvedere ta' Triq l-Għollieqa, Ġnien Tas-Salib u Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata.

10.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi kkummenta li ħafna familji jkunu jippreferu li jfittxu postijiet qrib il-baħar. Dwar l-attività tal-Manikata huwa qal li biex din tirnexxi l-aħjar żmien ikun qrib il-festa ta' San Ġużepp, fl-aħħar Ħadd ta' Awissu.

10.4. Is-Sur Cutajar qal li dawn is-serjè ta' attivitajiet kull ħmistax-il ġurnata ser ikunu kordinati minn Romina u Charlene Caruana. Filwaqt li ser jinġieb talent minn barra-il Mellieħa bi ħlas, ser ikun hemm doża qawwija ta' talent Mellieħi anke fil-preżentazzjoni.

10.5. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

**11.1. Riorganizzazzjoni fl-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/1)(P/7/1/Vol VIII)**

11.2. Is-Sindku għarraf illi fil-11 ta' Ġunju 2008, huwa flimkien mal-Viċi Sindku E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono kellhom laqgħa ma' l-impjegati tal-Kunsill fejn huwa spjega xi normi proċedurali li jixtieq jiġu osservati, partikularment f'dan li jirrigwarda l-*customer care*. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa ferm preokkupat bin-nuqqas ta' armonija li teżisti bejn l-i*staff* tar-*reception area*, li avvela ruħu waqt l-istess laqgħa. Huwa qal li dan żgur li joħloq nuqqas ta' komunikazzjoni illi finalment jaffettwa l-kwalità ta' servizz li jingħata.

11.3. Is-Sur Cutajar qal li s-*setup* fir-*reception area* ma jofrix privatezza, kemm għal minn jiġi biex jinqeda, kif ukoll għall-impjegati. Huwa qal li fl-opinjoni tiegħu din il-problema tista' tiġi mnaqqsa billi jsir *partitioning* bejn skrivanija u oħra, tat-tip li wieħed isib fil-banek. Huwa qal ukoll li meta jkun hemm aktar minn żewġ persuni biex jinqdew, għandu jingħalaq il-bieb tar-*reception area* u l-bqija tan-nies li jkun hemm jistgħu jistennew fl-entratura ta' l-uffiċċju.

11.4. Is-Sur R. Cutajar irrefera wkoll għall-minuta 15.5. tas-seduta preċedenti, fejn kien miftiehem li għandu jiġi avviċinat l-impjegat ta' l-I.P.S. Ltd dwar il-possibiltà li huwa jingħata l-inkarigu li jaġġorna s-sitt eletroniku tal-Kunsill. Is-Sindku qal li fil-preżenza tal-Segretarju Eżekuttiv huwa tkellem ma' l-impjegat konċernat dwar dan l-inkarigu. Minn naħa tiegħu l-uffiċjal konċernat stqarr li mhux daqshekk intiż fuq dan it-tip ta' xogħol. Għalhekk huwa ppropona li għandhom jinbdew il-proċeduri mal-Korporazzjoni għall-Impiegi u Taħriġ sabiex tiġi mpjegata persuna oħra mal-Kunsill fuq bażi *full-time,* fi skala 15.

11.5. Il-Kunsill laqa' il-proposta tas-Sindku li saru fil-minuti 22.3 u 22.4 aktar 'il fuq.

**12.1. Iljieli Melleħin (A/5/3/Vol VIII)**

12.2. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi hemm l-intenzjoni minn naħa tal-Gvern li jiġu organizzati Iljieli Melleħin mifruxa fuq erbat-ijiem fuq bażi nazzjonali. Din tkun wara l-Festa tal-Vitorja, fl-ewwel nofs ta' Settembru 2008. B'dan il-mod anke jkun jista' jiġi attirat turiżmu ntern billi l-lukandiera joffru *weekend breaks* matul l-istess jiem. Is-Sur R. Cutajar qal li mhux ser ikun hemm xi *focal point* partikulari, għaliex il-postijiet kollha fejn ikun hemm l-attivitajiet għandhom jingħataw l-istess importanza. Fost l-attrazzjonijiet jistgħu jiġu nklużi t-tejatrin tradizzjonali mtellgħa mill-Mellieħa Stage Friends, il-Knisja Parrokkjali, is-Santwarju u l-Għar tal-Madonna. Huwa kkummenta wkoll li Festa Biedja forsi tista' tiġi inkorporata fin-*Notte Bianca*, fejn il-pubbliku jkollu l-opportunità jixtri ħxejjex u frott.

12.3. Il-Kunsill qabel ma' l-attività *per se*, iżda kien tal-fehma li għandha ssir aktar diskussjoni fis-seduti li ġejjin.

## 13.1. Xogħol volontarju ġewwa Dar il-Madonna tal-Mellieħa (A/1/2/Vol IV)

13.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li nhar il-Ħadd 15 ta' Ġunju 2008, il-ħaddiema tal-fergħa ta' HSBC Bank tal-Mellieħa għamlu nofs ta' nhar tindif fil-parti tad-dar imsemmija, fejn ftit taż-żmien ieħor ser jiftaħ iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Fl-istess okkażjoni l-membri mill-Leġjun ta' Marija rregalaw statwa tal-Madonna sabiex tinżamm fl-istess ċentru. Għal din l-attività attendew is-Sindku R. Cutajar, il-Viċi-Sindku E. Bartolo u l-Kunsillieri E. Bartolo u H. Fenech.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 14.1. Stedina mis-Sindku ta' Adenau għal Midsummer Festival (K/1/5/1/Vol III)

14.2. Saret referenza għaż-żjara f'Adenau bejn id-19 u t-22 ta' Ġunju 2008, fejn ser ikun hemm preżenti żewġ sindki Franċiżi u ieħor mill-Italja. Is-Sindku ppropona li dawn jiġu ppreżentati rigal kull wieħed biex ifakkar l-okkażjoni.

14.3. Il-Kunsill qabel li r-rigali għandhom ikunu pittura ta' xeni fil-Mellieħa

## 15.1. *Beach Soccer* fir-Ramla tal-Mixquqa (S/4/2/Vol III)

15.2. Il-Kunsillier H. Fenech qal li MBA Sports World ser jorganizzaw *league* tal-*beach soccer* matul ix-xhur ta' Lulju u Awissu 2008. Saru kuntatti ma' l-organizzaturi sabiex meta ma jkunx hemm logħob ta' l-MBA, jista' jsir logħob ieħor organizzat mill-Kunsill għaż-żgħażagħ Mellieħin u oħrajn il-Mellieħa Football Nursery.

15.3. Is-Sindku qal li ser issir konferenza stampa fir-Ramla tal-Mixquqa fis-17 ta' Ġunju 2008.

15.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 16.1. *Parking* fi Triq l-Għorgħar (T/3/2/Vol VIII)

16.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ppropona li fi Triq l-Għorgħar bejn Triq it-Tgħam u Triq il-Mitħna l-Qadima ma jsirx *parking* peress li hija dejqa filwaqt li hija qasira ħafna.

16.3. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk iddeċieda li kemm-il darba jinżebgħu l-ħames metri fil-kantunieri, prattikament it-triq kollha tkun projbita għall-*parking.*

## 17.1. Korsijiet fil-lingwi (E/3/1)

17.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf illi d-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, permezz tal-fondi mill-Unjoni Ewropea u bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, ser jergħu jorganizzaw korsijiet fil-lingwa Maltija u l-Ispanjol li ser ikunu mingħajr ħlas. Huwa qal ukoll li nstabet persuna li lesta tagħti lezzjonijiet fil-lingwa Ġermaniża, wkoll bla ħlas.

17.3. Is-Sindku għarraf ukoll li huwa ġie avviċinat minn persuna li lesta tagħti lezzjonijiet fl-*Interior Design*.

17.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 18.1. Festa Ambjent (A/5/3/Vol X)

18.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna għall-attività li seħħet f'Misraħ il-Parroċċa fl-okkażjoni ta' Jum l-Ambjent nhar is-Sibt fis-7 ta' Ġunju 2008. Huwa qal li kien hemm konkorrenza tajba għaliha mill-pubbliku. In-numru ta' parteċipanti fil-kompetizzjoni dwar il-plastik kienu 110, fejn l-akbar piż miġbur minn persuna waħda kien ta' 11Kg, filwaqt li l-piż miġjub mill-parteċipanti kollha kien jammonta għal 288Kg. Huwa qal li ż-żewġ vetturi tat-tip *hybrid*, flimkien mal-pannelli fotovoltaiċi, qanqlu ħafna interess mill-pubbliku. Is-Sur Azzopardi kkummenta li l-idea illi din l-attività ssir barra mis-Sala tal-Komunità, kienet suċċess.

18.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf wkoll li saret għotja lill-Kunsill €250 minn Michael Debono Ltd u oħra personali mis-*Sales Manager* ta' l-istess kumpanija s-Sur Mark Anthony Vella li kienet tammonta għal €40. Dawn id-donazzjonijiet ingħataw bil-għan li jixtraw siġar sabiex jitħawwlu fil-lokalità.

18.4. Minbarra l-Kunsillier J. Azzopardi attendew ukoll is-Sindku R. Cutajar, il-Viċi-Sindku E. Bartolo u l-Kunsillieri, P. Cutajar, H. Fenech.

18.5. Il-Kunsill talab li tintbagħat nota ta' ringrazzjament lis-sostenituri ta' dan l-attività Michael Debono Ltd, Walk With Nature, Environment Landscapes Consortium Ltd, Merlin Car Hire, Green Supplies Ltd, iċ-Ċentru Parrokkjali, is-Società Filarmonica La Vittoria, l-Għaqda Mużikali Imperial u l-Art Club 2000.

## 19.1. Nomini għas-Sotto-Kumitat Ambjent u Wirt Storiku (K/2/Vol II)

19.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ressaq in-nomina tal-persuni msemmija hawn taħt sabiex ikunu membri fuq is-sotto-kumitat Ambjent u Wirt Storiku. Dawn kienu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Borg Cristino | 458847M |
| Cassar Joseph | 596850M |
| Valletta Anthony | 665648M |

19.3. Il-Kunsill approva n-nomini mressqa.

## 20.1. Ċaqlieq ta' *bring-in site* (K/6/10/Vol II)

20.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo lmenta li l-*bring-in site* li hemm fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, qrib il-kantuniera ma' Triq il-Fortizza, qed tingombra l-karreġġjata. Dan qed isir bil-*waste recycling banks* infishom, kif ukoll bil-vetturi li jiġu pparkjati biswithom minn min imur jarmi. Huwa għalhekk ippropona li dawn jiġu trasferiti għan-naħa l-oħra tal-parkeġġ, fuq in-naħa tar-*roundabout*.

20.3. Il-Kunsill laqa' din il-proposta ġie deċiż li għandha ssir talba lill-WasteServ sabiex isir iċ-ċaqlieq propost.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fil-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 7 ta' Lulju 2008 fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**